# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 130/2016**

Il-Pulizija

vs

**Omissis**

**Omissis**

**Omissis**

**Omissis**

**Neville Buttigeg**

**David Michael sive David Axisa**

**John Galea**

iben Joseph, imwieled Pieta' fl-10 ta' Ottubru, 1979, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 83380(M)

Illum, 17 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Neville Buttigeg quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gzejjer nhar id-9 ta' Lulju, 2003, operaw, promovew, bieghu jew ippartecipaw fi, jew b'xi mod li jkun, ghenu jew hajru l-operat, promozzjoni jew bejgh ta' loghob mhux awtorizzat.

b) Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, u cirkostanzi gewwa l-fond bl-isem "Welcome Bar", fil-Marsa, liema fond ma kellux licenzja taht l-Att dwar Loghob jew taht l-Att dwar Lotteriji u Loghob iehor jew bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kull regolament maghmul taht l-Att dwar Loghob jew bi ksur ta' xi kundizzjoni mposta f'xi licenzja mahruga taht dan l-Att, hadu sehem f'xi loghba ta' sogru li tintlaghab ghal flus jew valur ta' flus.

c) Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, lok u cirkostanzi ppermettew l-uzu tal-imsemmi post ghal, jew inkoraggew dak il-loghob ta' sogru li jintlaghab ghal flus jew valur ta' flus.

d) U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghalkemm ma kienux qeghdin jiehdu sehem f'xi loghob ta' sogru li jintlaghab ghal flus jew valur ta' flus, kienu siehba ta' xi gugatur f'xi loghba bhal dik, jew kienu prezenti filwaqt li kienet qed issir xi loghba bhal dik.

e) U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, lok u cirkostanzi xjentement ippermettew l-uzu ta' xi post bil-ghan tal-operazzjoni, il-promozzjoni, il-bejgh jew il-loghob ta' xi loghba bi ksur ta' xi disposizzjoni tal-Att dwar Lotteriji u Loghob iehor jew ta' regolamenti maghmulin tahtu jew bi ksur ta' xi kundizzjoni mposta f'licenzja mahruga taht l-Att dwar Lotteriji u Loghob Iehor jew bi ksur ta' xi direttiva mahruga mill-Awtorita' skont ma hemm f'dan l-Att jew ta' regolamenti maghmulin tahtu jew bil-ghan ta' hazin ta' apparat rilevanti ghal loghob importat, manifatturat jew provvist bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7 jew bi ksur tal-kundizzjonijiet imposti fil-licenzja mahruga skont dak l-artikolu 7 jew bil-ghan li jsiru l-manifattura u l-manutenzjoni ta' apparat rilevanti ghal loghob bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7 jew bi ksur tal-kundizzjonijiet imposti fil-licenzja skont ma hemm f'dak l-artikolu 7.

**Neville Buttigieg u omissis**, omissis, omissis, u omissis gew wkoll akkuzati:

f) Talli f'dawn il-Gzejjer, nhar id-9 ta' Lulju, 2003, ippartecipaw fi, jew b'xi mod li jkun, ghenu jew hajjru l-operat, promozzjoni jew bejgh ta' loghob mhux awtorizzat.

g) Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa l-fond li ma kellux licenzja taht l-Att dwar Loghob jew taht l-Att dwar Lotteriji u Loghob iehor jew bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kull regolament maghmul taht l-Att dwar Loghob jew bi ksur ta' xi kundizzjoni mposta f'xi licenzja mahruga taht dan l-Att, hadu sehem f'xi loghba ta' sogru li tintlaghab ghal flus jew valur ta' flus.

h) U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, lok u cirkostanzi, ghalkemm ma kienux qieghdin jiehdu sehem f'xi loghba llegali, kienu siehba ta' xi gugatur f'xi loghba bhal dik, jew kienu prezenti filwaqt li kienet qeghda ssir xi loghba bhal dik.

i) U finalment *omissis, omissis, omissis, omissis* kif ukoll lil Neville Buttigieg wahedhom gew akkuzati, talli rrendu ruhhom recedivi ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstabu hatja b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Marzu, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-
l-artikolu 6(a) u (b) tal-Kapitolu 438 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 46(1) tal-Kapitolu 400 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Neville Buttigieg hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, u ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' elfejn Euro (€2,000.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u sebghin Euro (€75.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' April 2016, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.
In oltre, ai termini tal-artikolu 72 tal-Kapitolu 438 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' mija u tlett Euro u disa' u tmenin centezmu

(€103.89) - ekwivalenti ghas-somma ta' erba' u erbghin Lira Maltija u sittin centezmu (Lm44.60) - li giet elevata minghand l-imputat Neville Buttigieg u ezebita f'dawn il-proceduri.

Rat ir-rikors tal-appellant Neville Buttigieg ipprezentat fil-11 ta' Marzu, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma is-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonferma in kwantu ghall-htija, hija tbiddel il-piena nflitta ghal wahda iktar fil-minimu li tkun ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-piena ma tirriflettix kastig idoneo li kien haqqu l-irnputat, izda hija wahda eccessiva u esegerata. L-ammont ta' elfejn Ewro (€ 2,000.00) flimkien mal-konfiska hija piena wisq harxa meta tqis li l-irnputati l-ohra f'dan l-istess kaz, u f'sitwazzjonijiet identici gew moghtija piena ta' hames mitt Ewro (€ 500) u elf Ewro (€ 1000).

Illi aktar minn hekk, meta Qorti tigi biex tinfliggi l-piena, din ghandha idea marbuta fil-parametri tal-Iigi. Ghalhekk, ghalkemm l-esponenti setgha kellu xi sentenza izjed fil-fedina penali tieghu minn dik ta' shabu l-akkuzati l-ohra, dan zgur li ma mmeritax li l-piena moghtija lilu tirdoppja!

L-Ewwel Qorti zgur li kellha tiddistingwi bejn l-irnputati meta dawn kienu 'lkoll akkuzati bl-istess imputazzjonijiet u f'cirkostanzi simili. Iktar minn hekk, l-ezercizzju li addottat l-Ewwel Qorti fil-konfront ta' Neville Buttigieg zgur ma kienx wiehed ekwu, l-iktar meta bid-dovut rispett l-Ewwel Qorti qabdet u ifformulat f'mohha li minhabba li l-esponenti kien recidiv (ghalkemm ko-akkuzat iehor kien ukoll recidiv) skont l-esponenti "baqa' tul dawn is-snin kollha jippersisti fil-vizzju tieghu ... u ma tghallem xejn" Illi bid-dovut rispett, tali ragunament imur oltre minn dak li tippermetti il-ligi, ghax jekk se mai l-Ewwel Qorti kienet ta' din il-fehma, xorta wahda hi ma setghatx tiddistingwi u timponi piena doppja u nofs iktar minn dik ta' l-ohrajn fuq l-esponenti.

Oltre' dan, l-esponenti hass ruhu aggravat b'tali sentenza ta' l-Ewwel Qorti, meta ghalkemm hu rregistra ammissjoni bikrija, tant hu hekk li baqa jattendi s-seduti ghall-dawn l-ahhar ghaxar (10)

snin ghalkemm hu rregistra l-ammissjoni tieghu fl-ewwel seduta li tmur lura ghal Ottubru ta' l-elfejn u hamsa (2005), hu baqa ma bbenefikax minn din l-ammissjoni bikrija.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena erogata mill-ewwel Qorti li fil-fehma tal-appellant hi aktar gravuza mill-ko-imputati l-ohra.

Illi minn analizi tal-pieni erogati jidher li l-appellant ghandha jinghata ragun ghar-ragunijiet citati fir-rikors tal-appell tieghu.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa l-appell ta' Neville Buttigieg limitatament ghal piena erogata. Thassar u tirrevoka l-multa ta' elfejn euro (€2,000) u minflok tikkundanna lill-appellant ghal hlas ta' multa ta' seba' mija u hamsin euro (€750). Il-konfiska tal-flus hi konfermata b'din is-sentenza.